TAJJEB LI TKUN TAF
Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
JANNAR, 1963. NRU. 2/63

# EREMIT KURJUŻ FL-ISTORJA T'GĦAWDEX

MIN jaqra l-ġrajjiet t'Għawdex kif ġabarhomlna De Soldanis, dejjem għandu jsib xi ħaġa ġdida u kurjuża li għandha timla lil kulħadd b'interess tassew kbir. Waħda minn dawn il-ġrajjiet hija dik tal-miġja f'Għawdex ta' l-eremit, Fra Antonju ta' San Karlu, li mar joqgħod fis-Santwarju tal-Qala. Dan l-eremit m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak l-eremit l-ieħor li, skond it-tradizzjoni, kien San Korradu u li kien igħix ukoll fis-Santwarju tal-Qala. Fra Antonju ta' San Karlu telaq minn Għawdex għar-raġunijiet li, sallum, għadu ma sar jafhom ħadd. L-istorja tiegħu, kif ħallihielna De Soldanis, hija kurjuża u interessanti ħafna.

L-eremit Fra Antonju ta' San Karlu twieled fil-Piemonte. Għal xi żmien serva wkoll bħala suldat ta' pajjiżu. Fis-seklu kien jismu Karlaton. Imnebbaħ minn Alla biex iħalli warajh il-qerq u l-ħolma tad-dinja, telaq lejn Spanja biex igħix mal-patrijiet eremiti ta' Monte Sion, jew tal-Kongregazzjoni tal-Madonna tad-Dawl, imsejħa Lwa. Dan il-kunvent kien fid-deżert 'l barra mill-belt ta' Mursia. Ma' dawn il-patrijiet huwa dam tnax il-sena sħaħ f'ħajja ta' skiet, trażżin u talb li ma jaqta' xejn. Matul dan iż-żmien huwa qala' ħafna grazzi minn għand Alla.

Il-Mulej ħabbarlu li kellu jitlaq minn hemm u huwa obda l-amar tiegħu. Imbierek mis-superjur tiegħu, minn Alicante wasal Malta. Minn Malta baqa' sejjer Lampedusa u fis-skiet ta' dik il-gżira għadda ħafna xhur fis-sawm u tewbiet oħra. Minn Lampedusa, imbagħad, telaq lejn Għawdex u, malli wasal fil-gżira, mar joqgħod dritt fis-Santwarju tal-Qala. F'dan is-Santwarju dam ħames xhur sħaħ u kellu bħala direttur spiritwali tiegħu lill-Arċipriet Dun Nikol Cassia Magri.

Nafu illi kemm dam il-Qala kien isum ta' kull jum ħobż u ilma, jitlob għarkobbtejh wiċċu ma' l-art, b'idejh marbuta bħal salib, u jgħanni bin-nhar u bil-lejl innijiet qaddisa. Tliet darbiet kull jum kien isawwat lil ġismu bla ħniena, f'inżul ix-xemx, f'nofs il-lejl u mas-sebħ. Il-bqija tal-ġurnata kien igħaddiha jaħseb dejjem f'ruħu mitluf f'estasi l-iktar qawwija ta' l-imħabba t'Alla. Is-sodda tiegħu kienet il-qiegħa ta' l-art u ż-żmien tal-mistrieħ kien qasir kemm jista' jkun. Ħafna drabi s-sodda tiegħu kienet tkun it-taraġ ta' l-altar.

Anki l-ikel tiegħu kien fqir u skars kemm jista' jkun. Bosta drabi kien jiekol ikel tar-Randan jiġifieri ħaxix u ħobż iebes u mnawwar. Il-konfessur tiegħu l-imsemmi Arċipriet Dun Nikol Cassia Magri darba fettillu jiktiblu sabiex, għall-inqas, nhar l-Għid il-Ħamsin, fil-Corpus u fil-festi ewlenin isajjar daqsxejn ta' borma b'xi ħaġa, imqar bi ftit ħaxix selvaġġ. Iżda Fra Antonju, kollu umiltà,



wieġbu dritt illi ma kenitx ħaġa sewwa illi jitlef żmienu biex jagħmilha ta' kok. Iż-żmien kien ħaġa prezzjuża ħafna għalih u huwa ried jinqeda bih biex ifaħħar l'Alla.

Huwa dam igħammar f'Għawdex ħames xhur biss. Wara dan iż-żmien huwa telaq mill-gżira ħin bla waqt mingħajr ħadd ma jaf għaliex. Fi żmien De Soldanis kienet għadha ħajja t-tifkira tal-qagħda tiegħu fil-Gżira tat-Tlitt Għoljiet u bosta nies kienu għadhom isemmu ħafna affarijiet tal-għaġeb dwaru. Fost affarijiet oħra — jikteb l-istoriku Għawdxi — kien jissemma ħafna l-fatt kif huwa, għalkemm ma kienx jaf bil-Malti u lanqas bil-Għarbi, kien jiftiehem man-nies tal-kampanja u kien jifhimhom jitħaddtu fil-kuntatt qasir li kien ikollu man-nies.

L-istoriku Għawdxi ħalla miktub ukoll illi xi nies li kellhom ix-xorti jkellmuh żgurawh illi kull meta kien jidħol fil-knisja tal-Qala, San Ġwann Battista u Santu Rokku, li hemm fl-inkwatru kienu jsellmulu. Waħda mara li semgħet bil-qdusija tiegħu u li kienet tbati b'għajnejha, marret tfittxu fil-knisja u bil-kemm kemm setgħet tarah għaddej, iżda hi ma qatgħetx iesha, rat fejn rifes riġlejh, ġabret żrara u qegħditha fuq għajnejha morda. Il-mara fieqet fil-pront. Wieħed qassis staqsieh jekk kienx ser jilħaq f'ċerta dinjità tal-Knisja. Hu wieġbu li ma jdumx ma' jilħaq kif tassew ġara.

Qassis ieħor kien iltaqa' miegħu ġewwa daqsxejn ta' torri li kien hemm quddiem is-Santwarju tal-Qala. Malli lemħu, Fra Antonju dritt qallu: nirringrazzjak minn dak it-tisjir li ġibtli, illum ninsab fil-bżonn tabilħaqq. Il-qassis stagħġeb mhux ftit għaliex huwa ma kien qal lil ħadd b'dak li kien ser jagħmel. Dan il-fatt stqarru dan il-qassis stess

ma' l-istoriku Għawdxi De Soldanis. Jingħad ukoll illi dan l-eremit ra iktar minn darba lill-Ġesù taħt għamla ta' tfajjel fl-Ostja Ikkonsagrata.

Kellu rikreazzjoni waħda biss, dik jiġifieri li matul xi ħinijiet tal-ġurnata jiżra' fiz-zuntier tal-knisja xi ħxejjex u ward biex bihom ikun jista', imbagħad, iżejjen l-altar tal-Madonna. Fra Antonju kien jiżra' u jħawwel f'art niexfa fl-eqqel tas-sajf. Huwa ma kien isaqqi qatt liż-żrieragħ u x-xtieli tiegħu. B'danakollu x-xtieli tal-ward kienu jħaddru, inawwru u jimtlew bil-ward ta' kull lewn b'għaġeb kbir ta' kull min kien jarahom.

Meta dan l-eremit Fra Antonju ta' San Karlu telaq minn Għawdex, wara li dar xi postijiet fl-Italja, spiċċa fil-belt ta' Borgia. Alla stess tah ordni li jikteb il-ħajja tiegħu li fiha 238 taqsima u tinsab merfugħa f'Borgia, fl-Italja. Naħseb illi llum tkun ħaġa interessanti illi wieħed ifittex dan il-manuskritt tiegħu biex jara x'kiteb fih dan l-eremit dwar il-qagħda tiegħu fil-gżira t'Għawdex. Jekk għadu jeżisti dan il-manuskritt, huwa suġġett sabiħ għall-istudjużi ta' l-istorja tagħna. Nafu illi dan l-eremit miet fil-31 ta' Ottubru tas-sena 1726. Fuq kollox tkun ħaġa interessanti jekk l-istudjużi tagħna jikxfu r-raġuni għaliex dan l-eremit telaq, ħin bla waqt, minn gżiritna.

O.H.M.S.

VALLETTA 6 30PM 25 JAN 1963 MALTA

Mr. L. Cassar
22, Magazine St.,
Mdina.

E&M.

D. of I